**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 6 / 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Noel Cassar**

Illum, 4 ta' Marzu 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Noel Cassar, bin Anthony u Angela xebba Pace Spadaro imwieled Pieta' nhar it-23 ta' Settembru, 1983, residenti gewwa St Anthony, Triq il-Kappuccini, Zabbar u detentur tal-karta tal identita' bin-numru 494083 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Nhar il-11 ta' Marzu, 2020, ghall-habta ta' 11.29hrs, gewwa l-Belt Valletta u fl-ibhra interni u territorjali ta Malta, bhala operatur tal-bastiment zghir bin-numru tar-registrazzjoni S-18950 uzajt tali bastiment zghir fil-bahar meta r-registrazzjoni ta' tali bastiment zghir kienet skaduta u meta l-ebda bastiment zghir li jahdem bil-mutur m' ghandu jintuza fl-ibhra interni u territorjali ta' Malta kemm il-darba dak il-bastiment zghir ma jkunx registrat mal-Awtorita

taht dawn ir-regolamenti jew kemm-il darba dak il bastiment zghir ma jkunx registrat taht l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, jew taht l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, jew kemm-il darba dak il-bastiment zghir ma jkunx registrat jew dokumentat ghas-sodisfazzjoni ta' l-Awtorita taht il-ligi ta' xi pajjiz iehor li mhux Malta u dan bi ksur tar-Regolament 3(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.52 tal-Ligijiet ta' Malta:

2. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi uzajt bastiment b' magna jew magni mhux registrati u dan bi ksur tar-regolament 45 u t-Tielet skeda tal Legislazzjoni Sussidjarja 499.52 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont ir-Regolament 43 (4) (a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.52, tapplika l-provvediment tar Regolament 47 (1) u tiskwalifika lil Zac Zammit milli jkollu licenzja jew li jikseb licenzja ghal zmien ta' tnax il-xahar mid-data ta' meta jkun instab hati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Dicembru, 2021, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi relevanti, senjatament ir regolamenti 3(1); 45; 47 u t-Tielet Skeda tal-Ligi Sussidjarja 499.52, illiberat lil qua imputat Noel Cassar mill-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu filwaqt sabithu hati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u konsegwentament ikkundanatu ghall-multa ta' Euro 300, li fin-nuqqas ta' hlas, ghandha tkun ikkonvertita f' perjodu ta' prigunerija ai termini ta' l-artikolu 11 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti, skwalifikat lil Noel Cassar milli jkollu licenzja nawtika jew li jikseb l-istess licenzja ghall-perjodu ta' sena millum.

Rat ir-rikors tal-appellanti Noel Cassar minnu pprezentat fit-30 ta' Dicembru, 2021, fejn talab lil din il-Qorti jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'

Gudikatura Kriminali illiberatu mill-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u tirrevokaha f' dik il-parti fejn sabet lill-esponent hati, tiddikjara lill-istess esponent mhux hati tat-akkuzi dedotti kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena, jew, alternattivament, jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi hemm xi htija fir-rikorrent, taghti piena inqas minn dik moghtija mill-ewwel Qorti.

Rat illi l-aggravji ta' l-esponent huma cari w manifesti, w jikkonsistu f' dan li gej, u cioe' :

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ibbazat il-konkluzjoni taghha illi l-appellant kien hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u konsegwentement sabitu hati, wara li qalet li rrizultalha li l-prosekuzzjoni rnexxiela tipprova t-tieni imputazzjoni galadarba mis-*snap shot* ipprezentat jirrizulta li l-imsemmi bastiment kellu magna differenti minn dik irregistrata fuq ic-certifikat ta' registrazzjoni ma' Transport Malta;

Illi l-appellant jissottometti bir-rispett illi semplici *snap-shot* ma jaghti ebda prova illi huwa kien qieghed juza l-istess bastiment iktar u iktar meta tali bastiment kien, fi kliem il-Qorti stess, "*irmiggat mal-post*";

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant jirrileva wkoll illi, anke kieku kellha tinstab xi htija fir-rigward tieghu, il-piena li ghandha tigi nflitta ghandha tkun ferm inqas minn dik li tatu l-ewwel Qorti, stante n-natura tal-fatti;

Rat ix-xhieda moghtija minn Rudolph Muscat nhar l-24 ta' Frar 2022 fejn spjega illi huwa jahdem fl-enforcement ta' Transport Malta. L-involviment tieghu f'dan il-kaz kien li jipprocessa ix-xoghol ta' dokumentazzjoni gewwa l-ufficcju. Jghid li nhar it-30 ta' April 2020 kienet intbaghtet ittra lil Noel Cassar fejn gie mitlub ihallas administrative fine fl-ammont ta' €150 u dan ghaliex nhar il-11 ta' Marzu 2020 instab abbord id-dghajsa registration Number S 18950 registrata f'isem l-akkuzat magna

differenti minn dik registrata maghhom . Spjega ukoll li l-appellant gie nfurmat li jekk ma ihallasx din l-multa amministrattiva kienu ser jittiehdu fil-konfront tieghu proceduri bil-Qorti. Mistoqsi jekk rax din il-magna fuq id-dghajsa qal li ma kienx hu li kien qed jghamel l-ispezzjoni.

Fl-istess jum xehed Stefan Galea u qal li nhar il-11 ta' Marzu 2020 kien qieghed patrol u mill-CCTV cameras taghhom il-Belt ra li d-dghajsa S 18950 ma kellhiex il-magna Mercury 5hp fuqha kif registrat mat-Transport Malta izda mutur iehor tal-ghamla Suzuki 6hp. Qal li l-bastiment in kwistjoni huwa registrat f'isem l-appellant u ggib in-numru S 18950 kif muri fir-ritratt esebit fl-atti a fol.3 tergo.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-24 ta' Frar 2022.

**Ikkunsidrat,**

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kienitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;

Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex jghaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illli mill-provi prodotti u cioe minn ezami tar- ritratt esebit a fol 3 tergo jirrizulta li kien hemm mutur tal-ghamla Suzuki. Ix-xhud Stefan Galea stqarr bil-gurament tieghu li din id-dghajsa kienet dik li tappartjeni lill-appellant u li fuqha kellu jkun hemm mutur tal-ghamla Mercury 5hp.

Illi l-avukat difensur stqarr li ma ingabet l-ebda prova li l-appellant kien qed jghamel uzu minn dan il-mutur u l-kliem tal-ligi jindikaw li kellu ikun hemm uzu tad-dghajsa. Jirrizulta bic-car u b'mod inekwivoku li l-bastiment S 18950 huwa registrat f'isem l-appellant skond ic-certifikat ta' registrazzjoni esebit fl-atti. Jirrizulta li skond dan ic-certifikat il-mutur registrat fuq din id-dghajsa huwa Mercury ta' 5hp u mhux Suzuki ta' 6hp. Illi di piu jirrizulta li dan ic-certifikat ta' registrazzjoni kien validu minn Mejju 2018 sa Settembru 2021 u ghalhekk ghamlet sew l-ewwel Qorti meta iddikjarat li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-ewwel akkuza.

Pero dwar it-tieni akkuza din giet provat ab'mod sodisfacenti gjaladarba minn ezami tar-ritratt esebit fl-atti jirrizulta li fil-11 ta' Marzu 2022 d-dghaja kellha mutur differenti minn dik registrat fuq ic-certifikat ta' registrazzjoni ma Transport Malta. Huwa minnu li d-dghajsa kienet mal-moll u mhux f'nofs ta' bahar pero dan ma ifissirx li ma kienx qed isir uzu mid-dghajsa.

Illi di piu l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu jistqarr li l-piena imposta kienet wahda eccessiva. Jinghad li l-appellant kien rinfaccjat *b'admisntirative fee* ta' qabel ma ghogbu jikkontesta din il-kawza u illum l-piena imposta hija dik ta' €300.

Fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci</u>**, "mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri): "**<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler</u>**" [26.2.2009]:- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena). (Ara wkoll "**<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard</u>**" [20.3.2009] App. Krim. Superjuri)"

Ghaldaqstant in vista tas-suespost din il-Qorti qeghda tikkonfema s-sentenza tal-ewwel Qorti kemm fir-rigward tal-mertu fejn sabitu hati tal-tieni akkuza u mhux hati tal-ewwel akkuza minn liema akkuza gie liberat, kif ukoll qed tikkonfermaha fir-rigward tal-piena imposta.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur